Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 40/2005

Felice Abela u martu Maria Concetta

Vs

Kummissarju tal-Artijiet, id-Direttur tal-Edukazzjoni, id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, L-Avukat Generali, Il-Kap tad-Dipartiment l-Ministeru tal-Gustizzja u Ghall-Intern, Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, Dipartiment Ghat-Tmexxija tal-Proprjeta', u l-Prim Ministru ghal kull interess li jista' jkollu.

Illum, 1 ta' Dicembru, 2005

Kawza Numru:

Il-Qorti;

Rat ir-rikors rppresentat mir-rikorrenti li in forza taghha, wara li ppremettiet illi: -

Illi huma proprjetarji ta' terz indiviz minn bicca art li tinsab fil-limiti tal-Kalkara in kontrada tat-Turretta imlaqma ta' wicc il-Merhla, liema irjiehat huma spjegati ahjar fil-kuntratt ta' bejgh, hawn anness u mmarkat (Dok FA 1), li jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Agius.

Illi r-rikorrenti akkwistaw terz indiviz minn din l-imsemmija art minghand Rita Farrugia, permezz ta' kuntratt tas-sbatax ta' Jannar elf disgha mija sebgha u sebghin, hawn anness u mmarkat bhal (Dok FA 2), liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Agius.

Illi l-Gvern okkupa partijiet ta' din l-art bicca bicca kif ser jigi spjegat aktar l' isfel:

Illi fl-elf disgha mija u erba' u sebghin, permezz, ta' dikjarazzjoni fil-gazzetta tal-gvern tal-15 ta' Frar 1974, (Dok FA 3) il-Gvernatur Generali iddikjara ili Bicca art tal-kejl ta' 1286 qasab kwadri (5, 647 metri kwadri) gewwa il-Kalkara, liema irjiehat huma ahjar deskritti fl-imsemmi Dok FA 3 kienet mehtiega mill-awtorita kompetenti ghal skop pubbliku.

Illi Parti minn dina l-bicca art kienet tifforma parti mill-art illi r-rikorrenti akkwistaw fis-17 ta' Jannar 1977, u din kif tidher ahjar fil-pjanta hawn annessa mmarkata bhala Dok FA4.

Illi dik il-porzjon art, deskritta bl-ittra A fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala Dok FA4, giet inkorporata mal-gnien tal-iskola tal-Kalkara, u dan kif jidher tajjeb minn ritratti hawn annessi u mmarkati bhala Dok FA 5.

Illi dik il-porzjon art, deskritta bl-ittra B, fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok FA 4, thalliet fl-istat illi kienet u sallum, ghadha ma gietx uzata mill-awtoritajiet, u dna kif jidher tajjeb mir-ritratti hawn annessa u mmarkat bhala Dok FA 6.

Illi l-imsemmija propjeta' giet okkupata b' mod illegali u abbuziv bi ksur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta [senjatament l-Artikolu 9 (Notice to Treat)] peress illi ma nhargitx Notice to Treat dwar l-art in kwistjoni.

Illi dik il-porzjon art, deskritta bl-ittra C, fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok FA 4, giet okkupata mill-intimati, sabiex tinghadda triq, u dan kif jidher tajjeb mir-ritratt hawn anness u mmarkat bhala Dok  FA 7.

Illi din l-imsemmija bicca art, giet ukoll okkupata mill-intimati b' mod illegali u abbusiv bi ksur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex mhux talli ma nhargietx Notice to Treat, izda lanqas giet formalment imsemmija fil-Gazzetta tal-Gvern, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-istess Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti ccahdu mid-dritt taghhom illi jgawdu il-proprjeta' taghhom skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti ma nghatawx kumpens talli ccahdu mill-proprjeta' taghhom.

Illi r-rikorrenti ma inghatawx access lit-tribunal kompetenti sabiex jigi iffissat kumpens xieraq.

Illi fis-16 ta' Mejju 2005 ir-rikorrent poggew lill-intimati a formali konjizzjoni tas-suespost bi protest guizzjarju anness u markat dok FA 8.

Illi dan l-ahhar r-rikorrent gie notifikat b' kontro-protest minn wiehed mill-intimati li ressaq l-argument inversimili illi 'ma jistax jiehu konjizzjoni' tat-talbiet tar-rikorrent ghaliex ir-rikorrent ma indikax l-artijiet msemmija permess ta' pjanta.

Ir-rikorrent jinstab konfuz hafna b' din l-argument ghaliex r-rikorrent jaf illi l-intimat diga ghandu kopja tal-pjanta li talab.  Tant hu hekk illi f' korrispondenza hawn annessa u markata FA 9 l-Ministru tal-Gustizzja u Ghall-Intern, Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, Dipartiment Ghat-Tmexxija

tal-Proprjeta’ li ghandha sede fl-ufficju tal-imsemmi intimat annetta il-pjanta tal-art in kwistjoni.

Illi ghalhekk il-kontro-protest mhux talli ma tghax rimedju effettiv lir-rikorrent imma talli aggrava l-lanjanza ta’ ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien qasir.

## 2. Ksur tal-Kostituzzjoni u ligijiet ohra

Illi meta l-intimati okkupaw l-artijiet imsemmija minghajr ma segwew il-procedura kif stipolata fil-ligi cahdu lir-rikorrenti mid-dritt li jirrikorru lit-tribunal kompetenti sabiex jigi iffissat kumpens xieraq.

Illi ghalhekk l-procedura li segwew l-intimati cahdet lir-rikorrenti mid-dritt ta’ access ghal-tribunal skond il-ligi u ghaldaqstant nkisser id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq skond il-ligi.

Illi sal-lum, wara dawn is-snin kollha, ir-rikorrenti ghadhom ma rcevew l-ebda kumpens xieraq skond il-ligi, u dan minkejja illi ufficjali tar-rikorrenti irrikonoxxew diversi drabi illi kumpens kien dovut lir-rikorrenti.

Illi ghalhekk gie vjolat ukoll id-dritt tar-rikorrenti li jgawdu l-propjeta’ taghhom.

Illi ghar-ragunijiet spjegati hawn fuq l-imsemmija propjeta’ giet okkupata b’ mod illegali u abbuziv bi ksur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta [senjatament l-Artikolu 9 (Notice to Treat)], il-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta’ Malta [senjatament l-Artikolu 469A (Stharrig gudizjarju ta’ Awtorita’ Amministrativa)], il-Kostituzzjoni ta’ Malta [senjatament l-Artikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta’ bla kumpens) u 39 (Smiegh xieraq)], l-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem [senjatament l-Artikoli l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Smiegh Xieraq) u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-propjeta’).

## 3. Talba ghal-Rimedju

ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti (senjatament meta l-intimati okkupaw l-artijiet msemmija minghajr ma hallsu kumpens xieraq, meta segwew procedura ta' esproprjazzjoni li cahdet dritt ta' access ghall-tribunal, bid-dewmien taghhom li jirrizolvu b' mod ekwu din il-vertenza), l-intimati kisru/illedew id-dritt id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

(a) Fl-Artikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens) u;
(b) Fl-Artikolu 39 (2) (Smiegh xieraq).

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti (senjatament meta l-intimati okkupaw l-artijiet msemmija minghajr ma halsu kumpens xieraq, meta segwew procedura ta' esproporjazzjoni li cahdet dritt ta' access ghall-tribunal, bid-dewmien taghhom li jirizolvu b' mod ekwu din il-vertenza), l-intimati kissru/illedew id-dritt id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem:

(a) Fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Smiegh Xieraq); u
(b) Fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-propjeta').

3. Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-Rikorrenti,
4. Tiffissa hlas ta' danni bl-interessi dovut lir-rikorrenti
5. Taghti kull rimedju, direttiv u kumpens li jidhrilha xieraq

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju datat 16 ta' Mejju 2005.

Rat ir-risposta ippresentata mill-intimat Kap tad-Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta li in forza taghha eccepew illi: -

Illi, preliminarjament, jigi sottomess illi llum il-gurnata m’ ghadux jezisti “Id-Dipartiment tat-Toroq” u dan sa minn meta fl-2002 twaqqfet l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta illi inkorporat fiha l-funzjonijiet tad-Dipartiment tat-Toroq, u ghaldaqstant ir-rikors odjern fil-konfront tad-Dipartiment tat-Toroq huwa irritu u minghajr effett.

Illi, wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi kemm il-Kap tad-Direttorat tat-Toroq, kif ukoll l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, mhumiex il-legittimi kontraditturi f’ dan il-kaz stante l-fatt illi skond il-Kap 88, l-awtorita’ kompetenti fl-akkwist t’ artijiet ghal skopijiet pubblici u l-hlas tal-kumpens relattiv huwa il-Kummissarju ta’ l-Artijiet u mhux l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta jew il-prekursur taghha d-Dipartiment tat-Toroq, u inoltre lanqas ingiebet hjiel ta’ prova illi l-esproprjazzjoni ta’ dik il-parti ta’ dik il-parti ta’ l-art illi eventwalment saret triq kienet fil-fatt intalbet mid-Dipartiment tat-Toroq, u ghaldaqstant l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, illi giet interpellata inutilment, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu jigi sottomess illi ghalkemm ir-rikorrenti allegaw illi dik il-parti tal-art immarkata bl-ittra “C” fuq Dok FA 4 minnhom prezentat ma kienitx imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-gvernatur generali, liema dikjarazzjoni tirreferi ghal 5,647 metri kwadri, skond il-kuntratt tas-sbatax ta’ Jannar 1970, illi huwa l-unika prova ta’ titolo illi ir-rikorrenti ipprezentaw, l-art appartenenti lir-rikorrenti f’ terz indiviz u mehuda minn ghandhom kienet ta’ erbat itmiem u erba kejliet, jigifieri 4,571 metri kwadri u ghaldaqstant, almenu prima facie, ma jirrizultax illi fil-fatt xi parti mill-proprjeta’ tar-rikorrenti thalliet barra mid-dikjarazzjoni tal-gvernatur generali.

Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottolineat illi jekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-art in kwistjoni giet okkupata b’ mod illegali u abbusiv stante illi

ma gietx sodisfatta il-procedura ta’ l-esproprjazzjoni kontemplata f’ Kap 88 hija ben fondata, mela allura ir-rikorrenti kellhom kull opportunita’ taht il-ligi ordinarja nostrana sabiex jirrezistu milli jigu spoljati mill-istess proprjeta’.

Illi, tali proceduri gudizzjarji qatt ma ttiehdu, u llum il-gurnata huma in ogni kaz preskritti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghzel li ma tinqedix bis-setgha kostituzzjonali taghha a tenur tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante illi r-rikorrenti mhux talli m’ ezawrewx ir-rimedji ordinarji li kellhom ghad-disosizzjoni taghhom, izda sahansitra ghazlu illi ghal snin twal ma jinizzjawx ebda procedura ghall-harsien tad-drittijiet taghhom.

Ghaldaqstant, l-Awtorita’ esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirrespingi, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, l-pretensjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront taghha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan taht dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra li in forza taghha eccepew: -

Illi fl-ewwel lok id-Dipartiment tat-Toroq m’ ghadux aktar in ezistenza u ghaldaqstant ma jistax jigi mharrek f’ dawn il-proceduri.

Illi fit-tieni lok, ebda art ma tista’ tigi esproprijata mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet jekk ma jkunx hemm talba specifika ghal dan l-iskop minghand xi dipartiment jew entita’. Izda l-esponenti huma f’ pozizzjoni jikkonfermaw li ebda wiehed minnhom qatt ma talab li tinhareg Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq il-porzjon art indikat bl-ittra ‘C’ u delinejat bil-kulur ahdar fuq id-dok. F.A. 4 ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ebda wiehed minnhom ma qatt kien jew huwa prezentement responsabbli ghall-okkupazzjoni ta’ l-imsemmija art.

Illi, izda, bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ghandu jinghad li, fi kwalunkwe kaz, meta l-Gvern jitlob li tigi

esproprijata art ghal skopijiet simili huwa ikun responsabbli biss li jhallas kumpens fuq in-nofs tal-wisgha tat-triq in kwistjoni billi l-kumpens ghan-nofs l-iehor tat-triq jinhareg skond il-ligi mis-sidien tal-fondi li jkunu jiffronteggjaw l-istess triq.

Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li setghu utilizzaw, u dan ai termini ta' l-Artikolu 469A. Terga', l-azzjoni tar-rikorrenti setghet issir taht aktar minn kap wiehed ta' l-Artikolu 469A, dejjem skond l-allegazzjonijiet li qeghdin jaghmlu fir-rikors odjern.

Fil-fatt, l-Artikolu 469A jaghti l-possibilita' li wiehed jipprocedi taht erba' kapi, li huma s-segwenti:

"(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew
(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."

Minnflok, izda ir-rikorrenti ghazlu li jibqghu guridikament passivi, u qed jippretendu li jistghu issa – wara li ghaddew 'il fuq minn ghoxrin sena – iqajmu kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet Kostituzzjonali meta l-fatti li taw lok ghal tali allegat ksur ilhom li sehhew dawn is-snin kollha. Dan huwa l-veru abbuz f' dan il-kaz – l-abbuz tal-process gudizzjarju. Kif kellhom l-okkazjoni josservaw diversi drabi l-Qrati taghna, ir-rimedju Kostituzzjonali huwa wiehed eccezzjonali li jista' biss jigi intentat meta kull possibilita' ohra ta' rimedju li seta' jigi utilizzat fil-perjodu

ta’ qabel ma tkun infethet il-kawza tkun sfat definittivament fix-xejn.

Illi inoltre, il-fatti dwar il-kumplament ta’ l-art imsemmija fir-rikors – kif jafuhom l-esponenti – huma dawn:

Ghar-rigward tal-porzjon art indikat bl-ittra ‘A’ u delinejat bil-kulur isfar fuq id-dok F.A.4, dan gie akkwistat regolarment b’ mod strettament konformi ai termini ta’ l-Artikoli 9 u 12 tal-Kap 88, liema Artikoli m’ humiex qed jigu impunjati f’ dan ir-rikors. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma jistawx jattakkaw lill-espnenti fuq il-mod kif gie operat l-akkwist.

Barra, minn dan, m’ huwiex minnu li r-rikorrenti se jitilfu l-art u jibqghu minghajr hlas. Fil-fatt, kif jammettu l-istess rikorrenti, l-esponeneti jirrikonoxxi li l-hlas huwa dovut lilhom, izda skond il-Kap 88 huwa m’ huwiex marbut b’ perjodu specifiku ta’ zmien li fih irid iwettaq tali hlas. Bi tpattija ghal dan, is-subinciz 3 ta’ l-Artikolu 12 jipprovdi ghal imghax annwali ta’ 5% fuq l-ammont dovut. Inoltre, minbarra li f’ dan il-kaz beda jiddekorri l-imghax mill-mument tad-dikjarazzjoni, is-sid igawdi wkoll l-assikurazzjoni li mhux se jbati minhabba xi zjieda fil-prezz ta’ l-art dovuta ghad-dekors taz-zmien, u dan billi l-hlas li eventwalment isir ikun jirrifletti l-prezz ta’ l-art fil-mument ta’ l-istess hlas!

Ghar-rigward tal-porzjon art indikata bl-ittra ‘B’ u delinejata bil-kulur ahmar fuq id-dok F.A. 4, din l-art ghadha mehtiega mill-esponent Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni, li ghandu intenzjoni jutilizzaha ghal skopijiet xierqa. Ghar-rigward ta’ din l-art, jghoddu l-istess argumenti bhal dawk imressqa rigward l-art indikata ‘A’.

Ghaldaqstant, jidher car minn ezami tal-fatti rilevanti illi l-ebda dritt tar-rikorrenti mhu qed jigi ivvjolat, stante li ma nkiser ebda provvediment tal-Kap 88, li r-rikorrenti ma gewx imcahhda b’ ebda mod milli jiehdu l-kumpens dovut, u ma kellhom ebda dritt ta’ smiegh xieraq li gie mcahhad lilhom matul il-process ta’ esproprijazzjoni ta’ l-art imsemmija. Ghaldaqstant din l-azzjoni tnediet inutilment.

Illi fl-ahhar nett, ghandu jigi osservat li, ghal skopijiet ta' certezza, l-esponent Dipartiment ta' l-Artijiet dejjem addotta l-prasi li f' kull kaz jirrikjedi li kwalunkwe korrespondenza li tkun tirrigwarda xi art ikollha annessa maghha pjanta bl-imsemmija art indikata fuqha, u dan fid-dawl tal-hafna nuqqas ta' ftehim li potenzjalment jista' jinqala' altrimenti.

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2005, giet sollivata l-kwistjoni li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji alternattivi li setghu utilizzaw;

Semghet id-difensuri tal-partijiet fuq din il-materja;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti esebiti;

Rat li l' kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq din il-kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li r-rikorrenti huma proprjetarji ta' terza indiviz ta' diversi bicciet art fil-limiti tal-Kalkara in kontrada tat-Turretta imlaqma "Ta' Wicc il-merhla". Bictejn minn dina l-art giet esproprijata mill-Gvern bis-sahha ta' Dikjarazzjoni relattiva mahruga mill-Gvernatur Generali u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Dan sar fl-1974 u l-esproprjazzjoni saret peress li l-art kienet mehtiega ghal skop pubbliku. Oltre dan, ir-rikorrenti jallegaw illi l-awtoritajiet Governattivi okkupaw bicca art ohra adjacenti wkoll proprjeta' taghhom li fuqa pero' lanqas biss inharget Dikjarazzjoni ta' esproprju. L-ilmenti tar-rikorrenti huwa indirizzat ghal-fatt li wara dan l-agir, il-Gvern ma ha ebda passi ulterjuri, la biex jirregola ruhu u lanqas sabiex jibda proceduri halli jifinalizza l-procedura tal-esproprjazzjoni u jithallas il-kumpens dovut.

Ghar-rigward tal-artijiet milquta mid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali ta' Malta, jigi osservat li skond il-ligi (Kapitolu 88), wara d-dekors ta' erbatax-il gurnata utili

mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Esproprjazzjoni, jekk sid l-art jew min ikun qed jokkupaha, jekk ikun hemm, ma jkunux taw lill-awtorita' kompetenti pussess ta' dik l-art, l-istess awtorita' kompetenti tista' tiehu l-pussess ta' dik l-art minghajr ebda formalita' ulterjuri u b' hekk ma jigi kommess ebda spoll (ara "Agius v Camilleri" decisa minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2001), u dan peress li bis-sahha ta' dik id-Dikjarazzjoni, il-pussess effettiv tal-art jghaddi f' idejn il-Gvern li jkun qed jarroga ghalih il-*uis utendi et abutendi* (ara "Aquilina v Ministru tal-Ambjent", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Gunju, 2001). Dan ma jfissirx li l-art issir *ipso iure* tal-Gvern, ghax il-poteri tal-Gvern, f' dan l-istadju, jkunu limitati dejjem ghad-dritt ta' pussess. Dan ifisser li d-dritt tal-proprjeta' fuq l-art jibqa' tas-sid sakemm effettivament jigi pubblikat l-att definittiv li bih din tigi legalment trasferita lill-Gvern. Kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Bezzina Wettinger v Kummissarju tal-Artijiet", decisa fl-10 ta' Ottubru, 2003, "id-dikjarazzjoni presidenzjali timporta biss restrizzjoni anke jekk assoluta, fuq l-uzu tal-proprjeta' minn sidha, u tinvesti lill-istat bid-dritt li jaghmel uzu mill istess proprjeta' ad eskluzzjoni ta' sidha jew ta' terzi persuni". Dan ifisser li l-okkupazzjoni mill-Gvern ta' dawn il-bicctejn art, ma jistax jitqies illegali jew abusiv ghax il-ligi stess tvesti lill-Gvern bil-pussess materjali tal-artijiet esproprjati.

Il-Gvern m' ghandux, pero', jiehu pussess tal-art u ma jiehux passi ulterjuri ghad-determinazzjoni tal-materja u hlas ta' kumpens dovut. Skond il-procedura allura vigenti (qabel l-emendi introdotti bl-att XI tal-2002) wara l-hrug tad-Dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni, il-Kummissarju tal-Art irid jsegwi l-materja billi javvza lis-sid permezz ta' avviz maghruf bhala Avviz ghall-Ftehim bil-htiga tal-esproprjazzjoni u jindika l-kumpens li jkun qed jigi offrut. Jekk is-sid ma jaqbilx mal-ammont tal-kumpens offrut, ghandu javvza b' dan lill-Kummissarju tal-Art fi zmien 21 jum minn meta jircievi l-Avviz ghall-Ftehim, u meta l-Kummissarju jircievi dan l-avviz, ghandu jibda proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet biex dan il-Bord jiffissa l-kumpens li ghandu jithallas lis-sid. Wara d-

decisjoni tal-Bord, ikun jista jigi pubblikat il-kuntratt ta’ trasferiment tal-art a favur il-Gvern.

Sfortunatament il-ligi ma timponi ebda terminu fuq il-Kummissarju tal-Art entro liema irid iressaq l-Avviz ghal-Ftehim, u f’ kaz ta’ kontestazzjoni fuq il-kumpens offrut, biex iressaq il-materja quddiem il-Bord tal-Arbitragg u fil-prattika, gieli gara li l-Kummissarju tal-Art jdum snin twal ma jiehu dawn il-passi. Hekk, fil fatt, gara f’ dan il-kaz. Wara li saret id-Dikjarazzjoni ghall-esproprjazzjoni fi Frar tal-1974, ma ittiehdu ebda passi ohra biex il-materja tigi determinata. Il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li hi tiddeplora dan l-atteggjament tal-Kummissarju tal-Art, u tara li hu abbuziv li f’kaz ta’ esproprjazzjoni, is-sid jithalla fil-limbu ghal-aktar minn 30 sena. Minn naha l-ohra, tqis ukoll li l-rikorrenti naqsu meta ghal tul dan iz-zmien kollu ma hadu ebda proceduri biex igieghlu lill-Kummissarju tal-Art jagixxi. Huwa ben maghruf bhala principju legali li meta l-ligi ma tipprovdix terminu biex isir xi att, min hu interessat jista’ jadixxi l-Qorti ordinarja biex din tiffissa terminu xieraq skond ic-cirkostanzi. L-Imhallef sedenti din il-Qorti, meta kien ghadu jippratikka ta’ Avukat gieli kien mqabbad biex juza din il-procedura, u jista’ jikkonferma li hi procedura effettiva, peress li malli l-Qorti timponi terminu perentorju fuq il-Kummisarju tal-Art, dana tal-ahhar kif ikun obbligu tieghu jagixxi. Hu veru li din mhux sitwazzjoni felici, izda ghan-nuqqas tal-Kummissarju tal-Art li jagixxi, hemm mod kif bi proceduri ordinarji, huwa jista’ jigi mgieghel jagixxi (ara bhala ezempju ta’ din il-procedura il-kawza “Tabone v Kummissarju tal-Art”, decisa minn din il-Qorti fit-2 ta’ Ottubru, 2002).

Il-Qorti thoss li persuna m’ghandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-drittijiet fundamentali taghha minghajr ma fl-ewwel lok, tara jekk l-Ordinament Guridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju ghandu jigi invokat qabel ir-rimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F’ dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal minnha fil-kawza “Mifsud Bonnici et v Tabone noe

et", decisa fl-24 ta' Settembru, 2002, fejn intqal is-segwenti:

"Din il-Qorti tifhem li rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "*a measure of last resort*" ghax hu prezunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. Id-drittijiet tac-cittadin huma moghtija lilu jew mill-ligi naturali (li taghti lil kull bniedem certi drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-ligi tal-pajjiz stess. F' socjeta' ideali, l-ghoti ta' drittijiet huwa bizzejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-socjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-iehor, u jaghti lil haddiehor dak li hu tieghu. Peress li din is-socjeta' idealistika, jekk kienet tezisti, ma tantx damet hekk tezisti, l-istess membri tas-socjeta' holqu awtorita' li lilha nghata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-socjeta' jigu onorati. Maz-zmien dik l-awtorita', zviluppat fi Gvern, b' poter mhux biss biex jaghti drittijiet lic-cittadini, izda anke biex johloq mezzi biex dawk id-drittijiet jigu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, gew moghtija lilu poteri ohra, li, aktar ma ghadda z-zmien aktar saru ampji, komplessi u "*far reaching*". Hawn ukoll, f' socjeta' ideali, il-Gvern juza dawn il-poteri tieghu "*fairly and equally*", u fl-interess tac-cittadin u tas-socjeta' innifisha. Peress li kull Gvern jaf li hu ma joperax fi stat ideali, meta l-Gvern ha fuqu dawn il-poteri haseb ukoll ghall-possibilita' ta' abbuz u, fil-fatt, il-ligi ordinarja tipprovdi ghall-kontroll tal-Amministrazzjoni b' rimedji appoziti.

Il-ligi ordinarja, ghalhekk, kemm meta taghti drittijiet u poteri lic-cittadin, kemm meta taghti l-istess lill-Amministrazzjoni, tipprovdi, fiha nnifisha, soluzzjonijiet kemm biex dawk id-drittijiet ikunu jistghu jigu gawduti, kif ukoll biex jigu temperati f' kaz li dak li jkun jeccedi l-limiti tad-dritt jew poter tieghu. L-Ordinament Guridiku, fi kliem iehor, ghandu jitqies, hu prezunt u ghandu jinghata l-opportunita' li jsolvi hu stess il-problemi li jinqalghu bl-ezercizzju tad-drittijiet u l-poteri li hu stess jikkonferixxi, u hu biss meta dan l-Ordinament Guridiku jirrizulta li hu monk f' dawn is-soluzzjonijiet, li c-cittadin jkun jista' jirrikorri ghar-rimedju straordinarju taht il-Kostituzzjoni tal-

pajjiz.  Rimedju taht il-Kostituzzjoni hu, biex nghidu hekk, ta' imbarazz ghall-Gvern, ghax ikun ifisser li jew abbuza bil-poteri tieghu jew naqas li jipprovdi lic-cittadin b' rimedju ghad-dritt tieghu, lilu koncessi jew bil-ligi naturali jew bil-ligi ta' l-istat stess.  Ghalhekk, il-Kostituzzjoni stess tipprovdi illi, qabel ma dak li jkun iressaq ilment taht il-Kostituzzjoni, irid l-ewwel "*to exhaust all ordinary remedies*", ghax qabel ma jallega nuqqas da parti tal-Awtorita' Governattiva, irid l-ewwel, jipprova jiehu ir-rimedju tieghu taht il-ligi ordinarja li provdielu l-istess Gvern.  Hu biss jekk jirrizulta lil-Gvern ma ipprovdhiex rimedju adegwat, li c-cittadin jista' jakkuza lill-Awtorita' b' nuqqas b' kawza kostituzzjonali.   M' ghandux jigi prezunt li l-Gvern naqas li jipprovdi lic-cittadin b' rimedju ghal-lanjanzi tieghu; anzi Ordinament Guridiku shieh u komplut ghandu jkun prezunt li jikkontjeni, fih innifsu, d-drittijiet u r-rimedji opportuni li jehtieg il-pubbliku soggett ghal dak l-Ordinament.  Jekk ir-rimedju li jipprovdi l-Ordinament ma jkunx effettiv, allura imbaghad, ic-cittadin jista' jakkuza lill-Gvern li naqas li jipprovdilu b' rimedju adegwat.

Fuq din il-kwistjoni, l-awturi Jacobs and White, fil-ktieb "*The European Convention on Human Rights*" (Clarendon Press, 1996 Ed.) jghidu, f' pagan 354:

"*The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual*".

Fil-kuntest ta' tilwima lokali, il-Gvern ghandu jkollu opportunita' juri li ghall-ilmenti partikolari gia' provda rimedji, u darba dawn jezistu (tant li f' din il-kawza qed jigu invokati mill-atturi stess) huwa fil-kuntest ta' dawn ir-rimedji li l-ilmenti ghandhom, fl-ewwel lok jigu mistharga. Min jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali, jrid juri jew li m' ghandux rimedji ordinarji jew li dawn mhux effettivi; f' dan il-kaz l-atturi dan ma wrewhx ghax, fl-ewwel lok, huma

stess invokaw rimedji ordinarji u ghax, fit-tieni lok, ghandu ma giex deciz jekk ir-rimedji ordinarji jaghtux rimedju effettiv lill-atturi.  Kwindi, f' dan l-istadju, l-istharrig Kostituzzjonali li talbu l-atturi ma jistax jinbeda.

Ghal kull *buon fini*, issir riferenza ukoll ghad-decisjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Al Sakalli vs Prim Ministru et” moghtija fis-7 ta’ April, 2000, fejn intqal b’ mod enfatiku li l-iskop ta’ azzjoni bazata fuq id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem hi biex tinghata rimedju meta ma hemmx rimedju iehor li jista’ jinghata taht il-ligi ordinarja.  Jekk hemm rimedju taht il-ligi ordinarja ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll “Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija” deciza mill-istess Qorti fid-29 ta’ Ottubru, 1993, u “McKay vs Kummissarju tal-Pulizija” deciza min din il-Qorti fis-27 ta’ Lulju, 1995).”

Din il-Qorti tapprezza li fil-kawza “Pullicino et vs L-Avukat Generali”, decisa minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta’ April, 2005, giet espressa veduta kontrarja (tant li fiha intqal li: “L-argument tal-Kummissarju tal-Artijiet li r-rikorrenti m’ ghamlu xejn bhala proceduri mhix acettabbli u b’ ebda mod ma hu sufficjenti dak li sar fis-6 ta’ Frar 2001 meta saret ic-cedola ta’ depozitu.  Il-procedura messhom inbdew minn ta’ l-anqas 30 sena ilu u ghalhekk issib li l-Qorti tiddikjara li tali dewmien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.”), pero’ mhux biss min dik id-decisjoni tressaq appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, li ghadu pendenti, izda din il-Qorti kif issa presjeduta thoss li ghandha tishaqq fuq il-principju li, qabel ma persuna titlob rimedju bi proceduri straordinarji, ghandha tinvoka u taghti cans lil Ordinament Guridiku ta’ pajjiz jahdem u jaghti rimedju.

Kif intwera, l-Qorti ordinarji huma dejjem propensi jimponu zmien fuq parti biex tagixxi meta tara li n-nuqqas ta’ terminu patwit jew impost, jista’ jkun ta’ pregudizzju ghall-parti l-ohra, u meta jigi impost tali terminu, il-parti sokombenti tkun trid tagixxi entro dak it-terminu, ghax tista’ tkun passibbli anke ghall-proceduri ta’ disprezz fil-konfront taghha (u dan apparti konsegwenzi legali li

jistghu jirrizultaw b' konsegwenza tan-nuqqas). Il-gudikant sedenti jaf di scentia propria li tali rimedju jezisti, intuza u kien effettiv. Persuna ghalhekk, li ghal 30 sena shah injorat u ma invokatx ir-rimedji ordinarji pprovduti bl-Ordinament Guridiku, ma jistax wara jirreklma danni jew rimedju alternattiv (ara bhala rifless fuq dan il-principju l-kawza "Briffa vs Roger Satariano and Sons Ltd", decisa minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 1997).

Ghar-rigward tal-bicca mill-art allegatament okkupata mill-Gvern u li fuqha lanqas biss inharget Dikjarazzjoni dwar esproprjazzjoni, is-sitwazzjoni hija l-istess, anzi, f' dan il-kaz, jezistu aktar minn rimedju wiehed. Peress li ma nhargetx id-debita Dikjarazzjoni ir-rikorrenti setghu agixxew ghall-izgumbrament billi juzaw il-procedura kontemplata fil-ligi f' kaz ta' spoll; f' dak il-kaz, il-Qorti kienet tezamina biss il-pussess u d-disturb tieghu, u f' kaz li dawn jirrizultaw, tordna l-imedjata restituzzjoni. Anke jekk it-terminu preskritt ghall-esercizzju ta' din l-azzjoni kien jithalla jiskadi, ir-rikorrenti setghu dejjem agixxew bl-azjoni rei vindicatoria (jew l-azioni Publiciana li hi derivattiva tal-ewwel) biex, wara li jippruvaw t-titolu taghhom fuq l-art, jitolbu li jinghataw il-pussess battal u vakanti tal-istess art. Kwindi anke f' dan il-kaz, ir-rikorrenti naqsu ghal hin twil milli jutilizzaw ir-rimedji li l-Ordinament Guridiku jipprovdi ghal-kaz taghhom, u ma jistghux issa jitolbu rimedju alternattiv. Persuna li, minhabba l-inattivita' taghha ghal tul ta' snin, titlef il-proprjeta' taghha ghax per ezempju, halliet persuna ohra in okkupazzjoni animo domini tal-proprjeta' taghha ghal-aktar minn 30 sena, ma tistax wara tallega li giet mcahhda mill-proprjeta' bi ksur tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti mhix qed tghid li f' dan il-kaz ir-rikorrenti tilfu l-proprjeta' taghhom, izda qed tghid li min hu titolar ta' dritt irid jagixxi tempestivament biex jikawtela l-interessi tieghu f' kaz ta' agir kuntrarju ghal-dawk l-interessi u meta jkunu jezistu rimedji ordinarji ghal kawtela ta' dawk l-interessi, dawk ir-rimedji ghandhom jigu invokati, u jekk dak li jkun isofri xi pregudizzju ghax naqas li jinvoka dawk ir-rimedji ma jistax jilmenta bi ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tieghu.

Ic-cirkostanzi f’ dan il-kaz huma differenti mill-meritu tal-kaz “Abdilla v Onor Segretaru Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et” decis mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ Mejju, 2003 u kwotata mir-rikorrenti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom ghax, f’ dak il-kaz wara li giet okkupata l-art, il-Gvern hareg ordni ta’ rekwizizzjoni li effettivament xekkel l-effett ta’ kull procedura ordinarja li setghet tittiehed. Fil-kaz meritu tal-kawza l-art in kwistjoni baqghet ghal-snin twil u ghadha mhix milquta b’ ordni ta’ espropriazzjoni u kwindi r-rikorrenti kellhom ampia opportunita’ jressqu l-ilmenti taghhom quddiem il-Qrati ordinarji. Lanqas ma jidher li fuq l-art in kwistjoni sar xi zvilupp partikolari li jimpedixxi r-ritorn lura tal-art lis-sid (kif jidher li kienu c-cirkostanzi tal-kaz “The Papanichalopoulos”, decis mill-Qorti Ewropea fl-24 ta’ Gunju, 1993). Ir-rimedju Kostituzzjonali jinghata biss meta mhux kaz li jintalab rimedju ordinarju ghax ic-cirkostanzi ma jindikawx rimedju effettiv; meta, pero’ ghal-kwazi 30 sena shah, kienu jezistu rimedji, u dawm ir-rimedji kienu effettivi, il-fatt li r-rikorrenti ma utilizzawx dawk ir-rimedji ma hu tort ta’ hadd hlief taghhom.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet esposti, tilqa’ l-pregudizzjevoli sollevata, u l-Qorti wara li tqis li kienu jezistu rimedji alternattivi ordinarji miftuha lir-rikorrenti, qed tiddeklina milli tezercita’ l-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------